KLR 25/VII/2014

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa 12 ta' Diċembru 2014 fis-19.15.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri, il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI:- il-membru Anthony Briffa u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ Mark Farruġia.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat.

**1. *Update – ERDF 249, 'Setting up of an Integral Archaeological and Historical Trial in Victoria, Gozo.***

1.1 Is-Sindku għarraf lill-preżenti li minn fejn għandha tgħaddi l-mina tas-servizzi reġgħet instabet ġebla li qed tiġi studjata mill-arkeoloġisti. Sadanittant instabet soluzzjoni mal-ħaddiema tal-Enemalta u s-Sovrentendenza għall-Wirt Kulturali u hekk qed ikompli x-xogħol. It-Tnejn 15 ta' Diċembru 2014 għandu jibda' l-pavimentar ta' Triq Sir Adrian Dingli.

1.2 It-tielet offerta – *Transcription, procurmeent and installation of Braille and tactile signange – Project ERDF 249 (Ref ERDF 249/08/14 )* reġgħet ma ġiet sottomessa minn ebda' kuntrattur. Il-membri qablu li jittieħed il-parir tal-*Managing Authority* sabiex tinħareġ *expression of interest*.

1.3 Dwar il-petizzjoni li ġiet iffirmata mis-sidien tal-ħwienet ta' Pjazza Indipendenza rigward ir-rilokazzjoni tas-siġar, il-MEPA bagħtet kopja tagħha lura fejn qalet li l-petizzjoni ma kiennet indirizzata lill-ebda' entita'.

1.4 Transport Malta (TM) m'aċċettatx is-suġġeriment għat-twessieħ tal-bankina ta' maġenb il-knisja ta' Savina u l-*pedestian crossing* minn quddiem fejn ser isir il-monument ta' Mons. Alwiġ Vella lejn Triq Sant'Ursola.

1.5 Fit-28 ta' Novembru 2014, il-bejjiegħa tal-monti ressqu Protest Ġudizzjarju. Dan irrispondiet għalih l-Avukat tal-Kunsill Dott. Georgene Schembri għan-nom tal-Kunsill.

1.6 Tressqet emejl minħgand il-Kumitat tal-Montijiet. Is-Sindku għandu jiltaqa' ma rappreżentati ta' dan il-kumitat li jkopri l-montijiet kollha ta' Malta u Għawdex.

**2. *Update – Playing Field***

Is-Sindku għarraf lill-membri li t-triq ta' bejn il-*bus terminus* u l-*playing fieled* ser tingħalaq wara l-ġranet tal-festi u x-xogħol jinbeda mal-bidu tas-sena. Nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2014 ser issir laqgħa bejn il-Perit Edward Scerri, DTR li ħadu l-offerta tat-temxxija tal-porġett, l-Enġiniera tad-dawl u l-Richard Cauchi li ħa l-offerta tad-dawl.

**3. Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena**

Il-membri qablu li ssir attivita' fil-21 ta' Diċembru 2014 fi Pjazza Santu Wistin fejn jiġu ppreżentati d-donazzjoni li nġabbru mill-Kunsilliera għall-Istrina 2014 lill-Predisent ta' Malta.

Dwar l-attivita ta' lejliet l-ewwel tas-sena li ser issir fi Pjazza Santu Wisitn, mill-iskema dwar inizjattivi ta' Attivitiajiet Kulturali 2015 (Memo 27/2014) il-Kunsill ser jingħata €10,000. Il-Coca Cola ser tgħati reklam ta' €1,500.

Ser issir laqgħa bejn is-Supretendenta tal-Pulizija u s-Sindku rigward l-immaniġjar tat-traffiku waqt din l-attivita'.

**4. *Performance Bonus***

Il-membri qablu li jingħata l-massimu tal-*Performance Bonus* lill-ħaddiema tal-Kunsill.

**5. Approvazzjoni tal-Kontijiet**

Ġew approvati l-kontjiet għax-xahar ta' Diċembru 2014. Skeda annessa f'dokument A.

**6. Immaniġjar tat-Traffiku – Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand *Transport Malta* (TM) rigward:-

6.1 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta' George Grech ta' 'Altona House, Triq l-Assunta. Għandha timtela l-formola minn naħħa tal-Kunsill;

6.2 talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' ta'Salvu Fenech ta' 32, 'Qalb ta' Ġesu'', Triq San Duminku. Għandha timtela l-formola minn naħħa tal-Kunsill;

6.3 il-ħruġ tal-peremss għall-*double yellow line* ta' metru biswit il-garaxxijiet ta' 'Victoria Mansions', fi Triq Dawwara.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM għall:-

6.4 kaxxa safra quddiem 88, Triq Għajn Qatet;
6.5 parkeġġ tal-persuni b'diżabilita' li jinsab quddiem 104, Triq Għajn Qatet sabex jinbidillu l-indirizz u jiġi quddiem'Skippy', Triq Wisitn Camilleri;

6.6 *double yellow line* fi Triq iċ-Ċangar fil-parti d-dejqa n-naħħa tal-egħlieqi;

6.7 *un/loading bay* quddiem garaxx ta' Mario Attard, 17, Triq Sir Arturo Mercieca;

6.8 tabelli ta' *speed limit* fi Triq Vajrinġa.

## 7. Korrispondenza

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward:-

i. Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa. Il-membri qablu li ssir applikazzjoni fuq Pjazza Santu Wistin.

ii. pagamenti li saru f'Ottubru 2014 fejn ma ntalbux kowtazzjonijeit jew ma nħarġitx offerta;

7.2 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex rigward:-

i. it-tismija ta' Triq Pietru-Pawl Azzopardi. Il-kumitat irid kjarifika jekk it-triq hix privata jew pubblika u jekk għandiex aċċess għall-pubbliku. Il-Kunsill qatt ma talab biex jissemmew ismijiet ta' toroq privati. Din it-triq hi pubblika u fiha diversi djar residenzjali u anke' liċenzja ta' ħanut li jinsab f'tarf l-isqaq;

ii. it-tismija ta' Triq Fra Baskal Farruġia. Dan il-kumitat indika li l-Kunsill kien approva talba mressqa mis-Segretarju tas-Soċjeta' Filrmonika Leone sabiex din it-triq tissemma għal Ġorġ Tabone. Il-Kunsill ser jiġbed l-attenzjoni li t-talba biex tisemma Triq Fra Baskal Farruġia qedgħa fuq triq oħra l-isfel minn Triq Ġorġ Tabone li tiżbokka fit-tarf ta' fuq ta' Triq Sagħtar. Dan dejjem kien indikat fl-ittra oriġinali tal-Kunsill anke' permezz ta' pjanta.

iii. l-għoti ta' isem lill-parkeġġ quddiem l-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-Kumitat qal li mhux awotriżżat li jagħti isem lill-parkeġġ. Il-Kunsill għandu jistaqsi jekk inbidlitx xi proċedura peress li fil-passat isemmew parkeġġi anke' fir-Rabat. L-eżempju hu ta' Pjazza l-Assedju t'Għawdex li hi parkeġġ. Barra minn hekk fl-ittra tal-Kumitat inkiteb li ma ngħatat ebda risposta rigward it-triq li tista' tinfetaħ minn tal-Ibraġġ u li tkun tinfed għall-Triq Ġużeppi Spiteri. Dan mhux minnu peress li l-Kunsill irċieva emejl (fit-13 ta' Mejju 2014) mingħand is-Segretarja tal-kumitat fejn statqsiet lill-Kunsill sabiex jiverifka jekk skont il-pjan regolatur, il-parkeġġ hux estiż sa quddiem il-bini eżistenti. Permezz ta' emejl datata 20 ta' Mejju 2014, il-Kunsill irrisponda li l-parkeġġ hu estiż quddiem il-bini eżistenti;

7.3 Frances Cilia li toqgħod fi Triq Plama. Talbet permess sabiex bintha jkollha aċċess għal-Triq Plama bħal ma jkollhom ir-residenti. Il-membri qablu peress li s-Sinjura Cilia hi anzjana i jista' jkollha problemi ta' mobilita';

7.4 il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' rigward pedestall tal-festa li ntrema fil-festa tal-Kunċizzjoni. Dan il-pedestall tneħħa l-għada tal-festa jiġifieri fid-9 ta' Diċembru 2014;

7.5 is-Segretarjat Parlamentarti għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita' u Anzjanita Attiva rigward il-*Premju Soċjeta' Ġusta*;

7.6 Dun Effie Masini, Direttur tal-Oratorju Don Bosco sabiex jitranġaw it-toqob tal-antarjoli ta' Pjazza Santu Wisitn qabel il-feta ta' San Ġwann Bosco. Il-membri qablu. Inġibdet ukoll l-attenzjoni għall-siġra li tinsab mad-dar 'Pisces' fi Triq San Ġwann. Il-membri qablu li sid din id-dar għandha tiġi kkuntatjatha sabiex tiżbor din is-siġra;

7.7 il-Kunsill Lokali Kerċem rigward ħajt imwaqqa' fi Triq Qasam San Ġorġ li jservi ta' lqugħ tal-wied li jinsab biswit din it-triq. Il-Kunsill ser jirranġa dan il-ħajt;

7.8 Thomas Xerri li jieħu ħsieb it-trattament tas-siġar tal-palm. Fil-korrispondenza tiegħu għarraf lill-Kunsill li billi l-kwotazzjoni kienet isservi għal sena, talab sabiex jibgaħt prezz ieħor għal din is-sena. Il-membri qablu li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet ġodda.

7.9 il-Perit Alexander Bigeni rigward passaġġ ġor-raba' li jwassal għall-egħlieqi ta' Joseph Micallef. Il-Kunsill ma jagħmilx passaggi bil-konkos fl-egħlieqi;

7.10 il-Perit Mariella Xuereb li hi nkarigata mir-restawr tal-Banca Giuratale fejn ġibdet l-attenzjoni li ma dan il-bini hemm *metre* tad-dawl li qiegħed f'isem il-Kunsill u l-Enemalta mhux ser tneħħieħ peress li fih kont pendenti mal-Kunsill Dan hu l-*metre* tal-*fairy lights* liema dwal ilu maqtuħ snin u l-Kunsill f'diversi drabi qabel li dan il-kont ma jitħallasx;

7.11 id-Driettur ta' Silverstar fejn ilmenta għaliex il-Kunsill ma ħallasx il-kont kollu li kellu fuq servizz li ngħata fl-2012. Il-Kunsill ma kienx approva l-kont kollu peress li l-*buses* li kienu ntbagħatu kienu qodma u mingħajr arja kkundizzjonata;

7.12 Elizabeth Sultana li hi rappreżentatn fil-PTA tal-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof. Intalbu sinjali tat-traffiku fi Triq l-Arċisof Pietru Paċe li jkunu jindikaw li hemm skola fil-viċininzi. Il-Kunsill diġa' ressaq dan is-suġġeriment lill-TM peress li din hi arterja. Intalab ukoll sabiex jinbidel il-ħin li fih jinġabar l-iskart domestiku minn din it-triq peress li l-iskammel jgħaddi fil-ħin li tiftaħ l-iskola. Billi jrid jinbideal proċess sħiħ fil-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart, il-membri ma qablux li l-ħin tal-ġbir tal-iskart jintmess. Saret ukoll talba sabiex jiżdied ir-*railing* eżistenti li hemm fil-passaġġ ta' bejn l-iskola u l-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex. Il-membri qablu ma dan is-suġġeriment;

7.13 Adrian Vassallo li talab sabiex tiġi rilokata siġra tal-palm li tinsab fil-parkeġġ tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex u tinsab eżatt quddiem il-garaxx tas-Sur Vassallo. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-MEPA għal din ir-rilokazzjoni;

7.14 Carmelina Cassar li talbet sabiex issir għatba fuq il-bankina quddiem 6, Triq San Duminku. Il- membri qablu li jekk ma jitħalliex aċċess għal-siġġu tar-roti din l-għatba ma ssirx;

7.15 Joseph Xuereb li għarraf lill-Kunsill li mill-1 ta' Jannar 2015, il-kera tal-garaxx ser tiżdied għal-€112.50 fix-xahar.

## 8. Materji Oħra

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri b'diversi Mistoqsijiet Parlamentari li saru u li jirrigwardjaw il-proġett tal-ERDF, il-proġett li kkwlifika taħt ir-Rural Development Programme for Malta 2007-2013 LEADER, Measure 313 li tinkludi t-tibdil ta'madum fi Pjazza San Ġorġ u rigward dettalji fuq laqgħat li s-Sindku jkollu barra minn xtutna.

Il-membri qablu li:-

8.2 ssir bankina quddiem 'Tota Pulchra' fi Triq l-Universitas. Din tidħol fil-lista ta' bankini li jiġu approvti sabiex isiru mill-ġdid.

8.3 jiġu mġedda s-sigħat *vaction leave* li għandu Joebert Galea, impjegat mall-Kunsill, għas-sena 2015;

8.4 titrnaġa bankina fi Triq Wied is-Seqer maġenb id-dar 'Joseph', quddiem ħajt li qed jagħlaq għalqa;

8.5 titranġa parti mit-triq quddiem 'Mirage'fi Triq Madonna tal-Ġilju;

8.6 titranġa bis-cement parti mit-triq ta' quddiem blokk IB f'taċ-Ċawla H.E.;

8.7 jintalab lill-Enemalta sabiex issir bozza fuq arblu eżistenti fit-tarf ta' Triq l-Imgħallem qabel tibda Triq Wied Sara;

8.8 isiru lezzjonijiet fuq kif tonqos mill-piż lir-residenti nteressati fis-suġett;

8.9 Il-membri ġew mgħarrfa li l-Kunsill irċieva s-€7,000 tal-iskema tal-Attvitajiet li kienu jkopru l-*Victoria International Arts Festival* li sar f'Ġunju 2014.

8.10 Il-Kunsill irċieva wkoll €3,871.80 li jkopru l-paga ta' Anabel Spiteri minn Ottubru 2013 sa Settembru 2014.

Il-laqgħa spiċċat fid-21.00.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv